Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs.**

**Samir Muhumad Hussein**

**Illum 08 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Samir Muhumad Hussein**, ta' nazzjonalità Somala, imwieled is-Somalia, nhar l-1 ta' Jannar 2002, iben Mohammad Hussein u Kos Omar Khalif, residenti ġewwa Ħal Far Tent Village, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru: '9003795A',

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Novembru 2024, għall-ħabta ta' nofs-il lejl u ħames minuti u fis-siegħat ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer:

1. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina *(*kokajina*)*, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru Reponsabbli għas-Saħħa mingħajr ma kien awtorizżat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (L.S. 101.02) jew minn xi awtorita mogħtija mill-Ministru Reponsabbli għas-Saħħa li jforni id-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja '101.02' dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi kif susegwentament emandati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-Ministru Reponsabbli għas-Saħħa li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi kif susegwentament emandati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħazagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex tordna Ordni ta' Qbid u Iffriżar u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma propjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jwiegħed, jipoteka jew ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lilu, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali dokument CF1 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1].

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2024, izda wara li l-Qorti kienet gia semghet ix-xhud.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tas-16 ta' Novembru 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

[1] A folio 10 tal-process.

Waqt illi l-Pulizija kienu qed jaghmlu ronda fl-inhawi tal-parkegg tal-Axis, San Giljan, huma innutaw zewgt irgiel li kienu qed jagixxu b'mod suspettuz u kienu qed jghaddu xi haga lil xulxin. Huma intervjenew u l-ewwel waqfu lil wiehed minnhom fejn fil-pussess tieghu instab qartas bi trab abjad, filwaqt illi fil-pussess tal-persuna l-ohra instabet somma flus kontanti ta' seba' mija u hames Ewro (€705).

L-imputat tressaq bl-arrest akkuzat fost ohrajn bil-pussess ghall-uzu mhux esklussiv tieghu, assocjazzjoni u traffikar kif ukoll bl-aggravju li dan sar f'distanza ta' anqas minn mitt metru minn post ta' divertiment frekwentat miz-zghazagh.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2024, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat Dokument CF3[2], l-istqarrija tal-imputat Dokument CF7[3], il-gravita u n-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti tqis illi in vista tal-akkuzi migjuba, tax-xhieda moghtija mill-akkwirent tas-sustanza, tal-fatt illi l-ammissjoni giet registrata biss wara li xehed ix-xhud ewlieni, tal-fatt illi dan l-ispacc sehh fil-mekka tad-divertiment li jiffrekwentaw iz-zghazagh, il-Qorti tqis illi ghandha tigi erogata piena karcerarja effettiva.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat **SAMIR MUHUMAD HUSSEIN HATI**, fuq l-amissjoni inkondizzjonata tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, u qeghda tikkundanna lill-hati **Samir Muhumad Hussein** ghal **tmintax-il xahar prigunerija effettivi u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Ewro.**

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti spjegat lill-hati **Samir Muhumad Hussein** fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

[2] A folio 12 tal-process
[3] A folio 18 tal-process

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 08 ta’ Jannar 2025 fil-bini tal-Qorti, f’Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur